Carmel Xuereb

vs

Dr. Romina Grech - Romina's Dental Clinic

CCT G3/26/MS

15 ta' Ottubru, 2026

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrent fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimata/azjenda intimata tħallsu l-ammont ta' erbat elef u mitejn euro (€4,200.00), prezz ta' trattament ta' dentatura sostnuta bl-impjanti (implant-supported denture treatment) magħmul mill-istess intimata, liema trattament mhux talli ma rnexxiex, talli kkawżalu ħafna uġigħ u kumplikazzjonijiet kif spjegat aħjar fl-istess avviż tat-talba;

Ra r-risposta tal-intimata fejn ipremmettiet:

Illi qabel ma beda t-trattament, ir-rikorrent attenda konsultazzjoni dettaljata, li matulha ġiet spjegata fid-dettall in-natura tat-trattament propost, inkluż in-natura tal-proċedura, ir-riżultat mistenni, il-limitazzjonijiet u r-riskji materjali kollha relatati miegħu, inkluż il-possibbiltà ta' falliment tal-impjant. Ir-rikorrent ingħata l-opportunità jistaqsi kwalunkwe mistoqsija li seta' jqis rilevanti u, wara li ngħatat l-informazzjoni meħtieġa, hu ta l-kunsens infurmat tiegħu għat-trattament propost.

Illi l-proċedura nnifisha hija invażiva u ġġorr magħha riskji rikonoxxuti u, għalkemm ir-rata ta' suċċess ta' tali proċeduri hija, b'mod ġenerali, għolja, ma jistax jingħata garanzija ta' riżultat partikolari, kif spjegat fl-istess risposta;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi jirriżulta mill-provi illi r-rikorrent xtaq jagħmel implants u, fuq rakkomandazzjoni ta' ħabib tiegħu, għażel li jagħmel it-trattament għand l-intimata. Ġie ssuġġerit lilu li jagħmel clip-on implants, jiġifieri dentatura sostnuta minn mini implants, għall-prezz ta' €4,200.00.

Illi l-intimata ħaditlu l-qies meħtieġ u sar it-trattament. Madankollu, mill-ewwel beda jsofri minn uġigħ u kumplikazzjonijiet. Huwa kellu jieħu l-antibiotics u, anke wara tmint ijiem, baqa' jbati bl-uġigħ tant li ma setax jiekol u lanqas jiftaħ ħalqu. Meta ċempel lill-intimata, din offrietlu kors ieħor ta' antibiotics, iżda r-rikorrent irrifjuta.

Illi r-rikorrent spjega wkoll illi, wara li baqa' jbati bil-problemi, beda juża d-dentatura bil-kolla. Dan kien ifisser illi, minkejja li kien ħallas €4,200.00 sabiex ikollu dentatura sostnuta bl-impjanti u ma jkollux għalfejn ineħħiha kuljum, jaħsilha u juża l-kolla, eventwalment sab ruħu juża d-dentatura proprju bil-kolla.

Illi xehdet ukoll l-intimata Dr. Romina Grech, li qalet illi ilha dentista għal madwar għoxrin sena. Ikkonfermat li r-rikorrent mar għandha sabiex jagħmel implants u li hija spjegatlu l-proċedura tal-mini implants u d-dentatura acrylic li teħel ma' dawn l-implants.

Illi l-intimata spjegat li mhux kull implant jintegra mal-għadma u li, għalhekk, isiru sitt implants bil-għan li, jekk wieħed jew tnejn ifallu, id-dentatura xorta tibqa' żżomm. Qalet ukoll li hija tispjega lill-pazjenti r-riskji, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-trattament u li, fil-każ tar-rikorrent, kollox ġie spjegat verbalment.

Illi l-intimata kkonfermat ukoll li ma kien hemm ebda *consent form* iffirmata mir-rikorrent u li l-informazzjoni kollha ngħatatlu verbalment.

Illi wara t-trattament ir-rikorrent kellu diversi follow-up appointments u adjustments. Mill-provi tal-intimata stess jirriżulta li minn sitt implants, erbgħa ma integrawx mal-għadma u eventwalment ħarġu. Wara madwar tliet ġimgħat, fallew ukoll iż-żewġ implants li kien fadal. B'kollox, ir-rikorrent mar għand l-intimata madwar disa' darbiet.

Illi l-intimata kkonfermat li llum ir-rikorrent għandu l-istess dentatura, iżda din m'għadhiex qed tinżamm bl-implants u qed tintuża bil-kolla. Ikkonfermat ukoll li l-implants swew €600 kull wieħed u d-dentatura kienet tiswa €1,000.

Ikkunsidra

Illi f'dan il-każ, it-Tribunal jinnota li hemm nuqqas ta' provi dokumentarji. Ma ġiet esebita ebda formola ta' kunsens bil-miktub u lanqas dokument li juri x'informazzjoni ngħatat lir-rikorrent dwar it-trattament, ir-riskji tiegħu u l-possibbiltà ta' falliment.

Illi lanqas ma ġew esebiti r-records mediċi jew dentali tar-rikorrent, treatment plan, noti tal-konsultazzjoni li saret qabel it-trattament jew dokumentazzjoni oħra li tista' titfa' dawl fuq il-kundizzjoni tar-rikorrent qabel ma saru l-impjanti u l-eżami u l-kunsiderazzjoni li saru qabel ma ġiet proposta l-proċedura.

Illi t-Tribunal iħoss illi, meta qed isir trattament ta' din in-natura, fejn il-pazjent qed jiġi mitlub iħallas ammont sostanzjali u fejn hemm riskji magħrufa ta' falliment, huwa dejjem rakkomandat li l-informazzjoni rilevanti kollha, inklużi r-riskji u l-limitazzjonijiet tat-

trattament, tkun dokumentata bil-miktub. Dan jipproteġi kemm lill-pazjent kif ukoll lill-professjonist u jista' jgħin f'każ ta' tilwim.

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent u l-intimata għandhom memorja *(recollections)* differenti dwar x'ġie spjegat lir-rikorrent qabel ma beda t-trattament. Filwaqt li l-intimata tgħid li r-riskji kollha, inkluż il-possibbiltà ta' falliment tal-impjanti, ġew spjegati lir-rikorrent u li dan aċċetta li jipproċedi minkejja dawn ir-riskji, ir-rikorrent ma jikkonfermax li ngħata din l-informazzjoni b'dak il-mod u f'dak il-livell ta' dettall.

Illi t-Tribunal jifhem li minħabba l-mogħdija taż-żmien, il-memorja tal-partijiet dwar dak li ġie diskuss ma tkunx identika. Proprju għalhekk, fejn informazzjoni ta' din l-importanza tkun ingħatat verbalment, dokumentazzjoni setgħet tgħin sabiex jiġi stabbilit b'aktar ċertezza x'kien ġie spjegat lir-rikorrent u x'kunsens kien ingħata minnu.

Illi t-Tribunal huwa konxju li l-fatt li trattament ma jirnexxiex ma jfissirx, fih innifsu, li l-professjonist kien negliġenti. L-intimata qalet li spjegat lir-rikorrent li hemm riskju li l-impjanti ma jintegrawx mal-għadma u li ma tista' tingħata l-ebda garanzija ta' suċċess assolut.

Illi madankollu, it-Tribunal ma jħossx li sempliċi twissija ġenerika li l-impjanti setgħu ifallu, waħedha, kienet biżżejjed. Il-kwistjoni trid titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha, inkluż x'informazzjoni ngħatat effettivament, x'kienet il-kundizzjoni tar-rikorrent qabel it-trattament, x'eżami sar u jekk ir-riskji rilevanti ġewx spjegati b'mod li r-rikorrent seta' jieħu deċiżjoni infurmata.

Illi f'dan il-każ, il-prova dwar dawn il-punti tistrieħ essenzjalment fuq ix-xhieda tal-intimata stess. Ma hemmx dokumentazzjoni li tista' tikkorrobora dak li qalet. B'mod partikolari, ma hemmx consent form, medical/dental records jew treatment plan li juru l-eżami li sar qabel it-trattament.

Illi dan jassumi iktar rilevanza meta wieħed iqis li l-intimata stess qalet li hemm fatturi ta' riskju, fosthom jekk pazjent ipejjipx jew ibati bid-dijabete. Minkejja dan, it-Tribunal ma għandux quddiemu ebda dokumentazzjoni li turi x'kienet l-istorja medika tar-rikorrent jew jekk dawn il-fatturi ġewx ikkunsidrati qabel ma ġiet esegwita l-proċedura.

Illi, għalhekk, it-Tribunal ma jħossx li l-fatt li r-rikorrent kien allegatament infurmat li jista' jkun hemm falliment huwa biżżejjed sabiex iġorr il-konsegwenzi kollha tal-falliment.

Ikkunsidra

Illi ma hemmx dubju li r-rikorrent ħallas €4,200.00 għal trattament ta' implant-supported denture. Lanqas ma hemm dubju, mill-provi tal-istess intimata, li s-sitt impjanti eventwalment fallew.

Illi għalhekk, ir-riżultat finali tat-trattament kien li r-rikorrent baqa' b'dentatura li ma hijiex sostnuta mill-implants u li qed tintuża bil-kolla. Propju dak li ma riedx ir-rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li dan ma kienx sempliċement każ fejn wieħed jew tnejn mill-implants fallew u d-dentatura baqgħet tiffunzjona kif kien mistenni. Fil-każ odjern, is-sitt implants kollha eventwalment fallew u, għalhekk, l-iskop prinċipali li għalih intalab u tħallas it-trattament ma ntlaħaqx.

Illi t-Tribunal ma jħossx li jkun ġust li pazjent jiġi mistenni jħallas l-ispiża kollha ta' trattament li ma wassalx għar-riżultat li għalih kien sar. Filwaqt li huwa minnu li r-rikorrent għandu dentatura u li l-intimata għamlet xogħol u użat riżorsi sabiex isir it-trattament, il-prezz ta' €4,200.00 ma kienx għad-dentatura biss, iżda għal trattament ta' implant-supported denture, u huwa proprju dan l-element tat-trattament li ma rnexxiex.

Illi, wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-provi mressqa u n-nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar il-kunsens, il-kundizzjoni tar-rikorrent u t-treatment plan, it-Tribunal iqis li r-rikorrent għandu jiġi rimborsat tal-ammont li tħallas għat-trattament li ma wassalx għal dak li kien miftiehem u mistenni minnu, u qed jiffissa dan fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800.00).

Għal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikkundanna lill-intimata tħallsu l-ammont ta' elfejn u tmien mitt euro (€2,800.00).

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru